MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2008

Numru. 608/2007

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 8 ta' Mejju 2008**

**Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**Vs**

**Mary Rita Beck**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Mary Rita Beck ta’ 35 sena, imwielda Pieta’, nhar it-12 ta’ Gunju 1972, bint Alfred Schembri u Catherine nee’ Cachia, mart Emmanuel residenti gewwa Edelweiss, Triq Carini, Sta. Venera, detentrici ta’ karta ta’ l-Identita’ numru 259172M;

Talli nhar is-27 ta’ Mejju 2007, gewwa Sta. Venera, ikkagunat griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ zewgha Emmanuel.

Rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda u l-provi prodotti;

Ikkonsidrat:
Il-Qorti kellha x-xorti tajba – jew hazina, skond kif wiehed ihares lejn dan l-incident – li din il-Qorti kif presjeduta semghet ukoll il-kawza kontra r-ragel tal-imputata dwar l-istess incident mertu ta’ dawn il-proceduri. Irrizulta mill-provi illi fil-fatt l-imputata waddbet oggett iebes fid-direzzjoni ta’ zewgha u laqtitu fuq rasu, pero din il-ferita ma halliet ebda mankament permanenti fih. Inoltre, dan l-incident beda meta t-tfal kienu qed jinku lil xulxin fuq il-‘football’, u ghal xi raguni din eskalat u gew involuti l-ġenituri ukoll, bil-konsegwenza li r-ragel aggredixxa lill-mara u hi rrispondiet billi waddbet statwetta fid-direzzjoni tieghu u laqtitu. Huwa aktar kaz sfortunat ghall-ahhar ta’ tilwim domestiku li hareg ‘il barra minn kull sens ta’ proporzjon, milli xi attakk fuq l-inkolumita’ fizika ta’ persuna jew ohra. Ghalhekk, ghalkemm effettivament l-imputata hi hatja tal-imputazzjonijiet hekk kif dedotti, il-Qorti sejra tkun klementi fil-konfront taghha, bit-tama li incidenti ohra bejn dawn il-konjugi ma jirrepetux ruhhom.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Illi wara li semghet ix-xhieda prodotta u ezaminat id-dokumenti ezebiti, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija Mary Rita Beck, hatja ta’ kif akkuzata u tilliberaha bil-kondizzjoni li ma’ tikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, fissret fi kliem ciar, il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**ANTHONY J VELLA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------